**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 30 ta Mejju 2017**

**Talba Nru: 553/16 CZ**

**GO p.l.c.**
**C 22334**

**vs**

**Lee Sidwells (ID 0041298 A)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fit-18 ta' Novembru 2016u li permezz taghha talbet lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' sitt mija u sebgha u tmenin Euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€687.23) in konnessjoni ma' servizz ta'

komunikazzjoni (internet fuq telefon bin-numru DSl 2138843) li gie pprestat mis-socjeta' attrici lill-konvenut fuq l-akkont li jgib in-numru AC40139159.

Illi ghalkemm interpellat diversi drabi sabiedx jghaddi ghall-hlas, il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa huna ingunt ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, inkluz dawk ta' l-ittra interpellatorja 739/15 tal-25 ta' Mejju 2015, u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata ta' l-istess ittra.

Ra li l-konvenut, debitament notifikat, ma pprezentax risposta u lanqas deher quddiem it-Tribunal.

Sema' x-xiehda ta' Charmaine Psaila Raji, rapprezentanta tas-socjeta' attrici, li kkonfermat li l-ammont reklamat mis-socjeta' attrici ghadu dovut fl-intier tieghu mill-konvenut.

Ra li t-talba giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

**Ikkunsidra:-**

1. Permezz ta' din it-Talba, is-socjeta rikorrenti qieghda titlob il-hlas, minghand il-konvenut, tas-somma ta' sitt mija u sebgha u tmenin Euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€687.23) in konnessjoni ma' servizz ta' komunikazzjoni (internet fuq telefon bin-numru DSl 2138843) li gie pprestat mis-socjeta' attrici lill-konvenut fuq l-akkont li jgib in-numru AC40139159.

2. Illi x-xhud Charmaine Psaila Raji ghas-socjeta' attrici kkonfermat bil-gurament taghha li l-ammont reklamat mis-socjeta' attrici ghadu dovut fl-intier tieghu.

**Ikkunsidra ulterjorment**;

3. Illi l-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

> Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:
>
> (b) <u>Jekk il-konvenut jonqos li jidher</u>, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista' ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis. (sottolinejar tat-Tribunal).

4. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma' lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

5. Fil-kaz odjern, il-konvenut giet debitament notifikata u la ressaq risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti miżmuma quddiem it-Tribunal tas-6 t'April u 3 ta' Mejju 2017.

6. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta' attrici hija fondata u ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjeta' attrici ma ghandux mis-sewwa.

7. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici huwa dovut mill-konvenut.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u sebgha u tmenin Euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€687.23) bl-imghaxijiet kif mitluba. L-ispejjez, kif mitluba, ikunu kollha a kariku tal-konvenut.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur